

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Ġermanja) fis-  
6 ta' Diċembru 2017 – ExxonMobil Production Deutschland GmbH vs Ir-Repubblika Federali tal-  
Ġermanja**

**(Kawża C-682/17)**

(2018/C 112/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Berlin

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: ExxonMobil Production Deutschland GmbH

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Domandi preliminari**

1) Impjant li jimmanifattura prodott li l-produzzjoni tiegħu ma taqax taħt l-attivitajiet imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE <sup>(1)</sup> (bħal, f'dan il-każ, il-produzzjoni tal-kubrit) u li, fl-istess waqt, iwettaq l-attività ta' "kombustjoni ta' karburanti f'impjanti b'potenza termali totali ta' iktar minn 20 MW", liema attività hija suġġetta għall-obbligu ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra skont l-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, jikkostitwixxi impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku fis-sens tal-Artikolu 3(u) tad-Direttiva 2003/87/KE, fil-każ fejn faċilità sekondarja fl-istess impjant tipproduċi wkoll elettriku għall-imsemmi impjant u proporzjon (żgħir) ta' dan l-elettriku jingħata lin-netwerk pubbliku tal-elettriku bi ħlas?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

Fil-każ fejn impjant bħal dak deskritt fl-ewwel domanda jkun impjant ta' produzzjoni tal-elettriku fis-sens tal-Artikolu 3 (u) tad-Direttiva 2003/87/KE, dan l-impjant ikun eliġibbli għal allokkazzjoni ta' kwoti għas-sħana konformement mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE <sup>(2)</sup>, anki meta s-sħana tissodisfa l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 3(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE iżda ma taqax fil-kategoriji msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10a (1), fl-Artikolu 10a(3) u fl-Artikolu 10a(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, jgħidli sħana li tirriżulta mill-kombustjoni ta' gass tal-iskart għall-produzzjoni tal-elettriku, tisħin distrettwali u koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja?

3) Jekk allokkazzjoni ta' kwoti għas-sħana prodotta fl-impjant inkwistjoni tkun possibbli fid-dawl tar-risposti għall-ewwel żewġ domandi preliminari:

Is-CO<sub>2</sub> irrilaxxat fl-atmosfera bħala parti mill-ipproċessar tal-gass naturali (fil-forma ta' gass aċiduż) matul il-"proċess Claus", fejn is-CO<sub>2</sub> inerenti fil-gass naturali huwa sseparat mit-taħlita ta' gass, jikkostitwixxi emissjonijiet li jirriżultaw, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(h) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, mill-proċess imsemmi fil-punt (v) tal-Artikolu 3(h)?

a) Emissjonijiet jistgħu jokkorru, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(h) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, "minħabba" proċess li fih is-CO<sub>2</sub> inerenti fil-materja prima huwa fiżikament isseparat mit-taħlita ta' gass u rrilaxxat fl-atmosfera, minkejja li dan il-proċess fih innifsu ma jagħtix lok għal diossidju tal-karbonju addizzjonali, jew din id-dispożizzjoni neċessarjament teżiġi li s-CO<sub>2</sub> irrilaxxat fl-atmosfera jokkorri l-ewwel darba minħabba dan il-proċess?

b) Hemm "użu" fis-sens tal-punt (v) tal-Artikolu 3(h) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, meta l-gass naturali fl-istat oriġinali tiegħu jintuża għall-produzzjoni tal-kubrit matul il-"proċess Claus" u li, f'dan il-kuntest, is-CO<sub>2</sub> inerenti għall-gass naturali huwa rrilaxxat fl-atmosfera mingħajr ma jkun parti mir-reazzjoni kimika tal-proċess? Jew inkella t-terminu "użu" jimplika neċessarjament li l-karbonju huwa parti minn, jew saħansitra huwa neċessarju, għar-reazzjoni kimika li tkun seħħet?

- 4) Fil-każ li r-risposta għat-tielet domanda tkun fl-affermattiv: meta impjant suġġett għall-obbligu ta' skambji ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra jissodisfa kemm il-kundizzjonijiet materjali sabiex jikkostitwixxi subimpjant suġġett għal parametri referenzjarji ta' sħana kif ukoll il-kundizzjonijiet sabiex jikkostitwixxi subimpjant b'emissjonijiet tal-proċess, liema huwa l-parametru referenzjarju għal allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra gratuwiti? Id-dritt għal allokkazzjoni ta' kwoti abbażi tal-parametru referenzjarju tas-sħana jipprevali fuq id-dritt għal allokkazzjoni ta' emissjonijiet tal-proċess jew inkella, minħabba l-prinċipju ta' speċjalità, id-dritt għal allokkazzjoni ta' emissjonijiet tal-proċess jipprevali fuq id-dritt għal allokkazzjoni ta' kwoti abbażi tal-parametru referenzjarju tas-sħana u tal-parametru referenzjarju ta' kombustibbli?

(<sup>1</sup>) Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631).

(<sup>2</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokkazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 130, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fit-8 ta' Diċembru 2017 – Bayer Pharma AG vs Richter Gedeon Vegyészeti Gyár Nyrt., Exeltis Magyarország Gyógyszerkereskedelmi Kft.**

**(Kawża C-688/17)**

(2018/C 112/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Bayer Pharma AG

Konvenuti: Richter Gedeon Vegyészeti Gyár Nyrt. u Exeltis Magyarország Gyógyszerkereskedelmi Kft.

**Domandi preliminari**

- 1) L-espressjoni "kumpens xieraq" li tinsab fl-Artikolu 9(7) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali (<sup>1</sup>), għandha tiġi interpretata fis-sens li huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu r-regoli ta' dritt sostantiv dwar ir-responsabbiltà tal-partijiet kif ukoll dwar il-portata u l-modalitajiet tal-kumpens li abbażi tagħhom il-qradi tal-Istati Membri jistgħu jordnaw lill-applikant jikkumpensa lill-konvenut għad-dannu kkawżat minn miżuri li ġew sussegwentement annullati mill-qorti jew li sussegwentement waqfu milli jiġu applikati wara azzjoni jew ommissjoni tal-applikant, jew fil-każijiet meta il-qorti sussegwentement ikkonstatat li ma kienx hemm ksur jew theddida ta' ksur tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari, l-Artikolu 9(7) tal-imsemmija direttiva jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li għandhom jiġu applikati, fir-rigward tal-kumpens imsemmi f'din id-dispożizzjoni tad-direttiva, ir-regoli ġenerali tal-Istat Membru dwar ir-responsabbiltà ċivili u l-kumpens li jipprovdu li l-qorti ma tistax tikkundanna lill-applikant jikkumpensa d-dannu kkawżat minn miżuri provviżorji li sussegwentement irriżulta li huma infondati minħabba l-annullament tal-privattiva, liema dannu jirriżulta mill-fatt li l-konvenut ma aġixxiex konformement ma' dak li huwa ġeneralment mistenni fis-sitwazzjoni partikolari jew meta, għall-istess raġuni, il-konvenut huwa responsabbli għall-okkorrenza tad-dannu, sa fejn l-applikant, meta talab il-miżuri provviżorji, ikun aġixxa konformement ma' dak li huwa ġeneralment mistenni fis-sitwazzjoni partikolari?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32.